MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 365/2007

**Fl-atti tal-mandat ta’ qbid Nru 2357/06 CX fl-ismijiet:**

**John Borg (ID214357(M)**

**Vs**

**Eric u Rita Borg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Frances u Alfred Borg, wara li ppremettew illi in forza ta’ mandat ta’ qbid numru 2357/06CX fl-ismijiet premessi gew maqbuda l-affarijiet imsemmija fir-riferta tal-marixxall, annessa u mmarkata Dok A;

Illi l-oggetti kollha msemmija f’din ir-riferta u li gew maqbuda permezz ta’ dan il-mandat ta’ qbid huma

proprjeta esklussiva tal-esponenti li jigu l-genituri tal-intimat Eric Borg;

Illi meta kien gie ezegwit dan il-mandat fit-28 ta' Settembru 2006, il-marixxal ezekutur kien gie infurmat mill-esponenti Frances Borg illi dawn l-oggetti kienu jappartjenu lilha u mhux lid-debituri u kienet saret nota f'dan is-sens fir-riferta;

Illi dawn l-oggetti kienu diga nqabdu precedentement in forza tal-mandat ta' qbid 1998/06 ukoll mahrug kontra binhom Eric Borg u martu u, fir-rigward ta' dak il-mandat, l-esponenti pprezentaw rikors identiku ghal dan ghar-revoka tal-istess mandat u t-talba taghhom giet milqugha inforza ta' digriet datat 15 ta'Ottubru 2007, u kopja tar-rikors u l-mandat relattiv qed jigu annessi u mmarkati Dokumenti B u C.

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. tiddikjara li l-oggetti kollha maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 2357/06 CX jappartjenu esklussivament lill-esponenti u ghalhekk ma setghux jinqabdu in ezekuzzjoni tad-debiti tal-intimati;
2. tordna konsegwentement ir-revoka tal-mandat ta' qbid 2357/06CX.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet ezekutanti.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors minn fol 3 u fol 6 tal-atti.

Rat id-digriet Taghha moghti preliminarjament fil-15 ta' Dicembru 2007 kif ukoll ir-risposta tal-intimat (fol 15 ibid) u li biha espona bir-rispett:

Illi l-esponenti jikkontendi in linea preliminari li t-talba ghandha tigi michuda u dan peress illi dina ma' hijiex il-procedura korretta biex issir tali talba. Illi talba ta' dan it-tip ghandha ssir mhux permezz ta' rikors fl-atti tal-mandat izda permezz ta' kawza/avviz fejn tigi mitluba dikjarazzjoni

permezz ta’ sentenza mhux “digriet” moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal l-ewwel risposta r-rikors tar-rikorrenti huwa wiehed ibbazat fuq qerq peress li l-konjugi Eric Borg et kull ma’ qed jaghmlu huwa li joholqu allegazzjoni inveritieri bhal ma’ qed jaghmlu biex ma’ jhallsux lill-kredituri taghhom jigifieri bazikament kull ma’ hu qed isir huwa li d-debituri Borg qed jinqdew b’ommhom u missierhom ir-rikorrenti biex ma’ jhallsux id-dejn li ghandhom jaghtu lill-esponenti fost ohrajn.

Salvi ragunjiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kaz u semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward <u>l-ewwel premessa fir-risposta</u> tal-intimat, mill-atti ma jidhirx car jekk il-mandat in kwistjoni hux kawtelatorju jew ezekuttiv. Dwar dan il-Qorti, xorta wahda, rat l-artikoli 836 u 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u kkostatat li l-proceduri bhal dawk in esami, effettivament, ghandhom jsiru permezz ta’ rikors. Ghalhekk il-procedura uzata, f’dan il-kaz hi dik korretta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar <u>il-meritu</u>, instemghu bhala xhieda ir-rikorrenti, <u>Frances Borg</u> (fol 17 et seq ibid) u binha <u>Eric Borg</u> (fol 33 et seq ibid). L-ewwel xhud sostniet, taht gurament, illi l-oggetti kollha maqbudin permezz tal-mandat in esami, mahrug kontra binha Eric Borg, <u>jappartjenu kollha kemm huma lilha u lil zewgha Alfred Borg u</u> dan ghal perjodu ta’ hmistax-il (15) sena’ mill-inqas. Difatti kif jidher ukoll mill-verbal tal-marixxal, Carmelo Xuereb esebit a fol 3 tal-atti, hi kienet informatu dwar dan il-fatt. It-tieni xhud, wara li ddeskriva s-sitwazzjoni prekarja tieghu mill-lat finanzjarju kkonferma, ukoll, taht gurament illi l-istess oggetti ma jappartjenux lilu.

Ikkunsidrat

Illi, minn dawn il-provi, jidher li l-istess oggetti, kif elenkati a fol 3, jappartjenu lir-rikorrenti u dan fin-nuqqas ta' xi prova kontrarja li, f'kazijiet bhal dawn hu difficli u kwazi impossibbli li tista' tigi prodotta il-Qorti trid, bilfors, anke jekk b'mod riluttanti takkolji l-ewwel (1) talba kif dedotta mir-rikors in esami.

Ikkunsidrat

Illi, dwar it-tieni (2) talba, jigi rilevat li ma ngieb xejn a konjizzjoni tal-istess Qorti sabiex din tista' tigi milqugha. Ghalhekk, il-mandat in kwistjoni ghandu jibqa' jsehh.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat imsemmi, tilqa' l-ewwel (1) talba u, waqt li tiddikjara, kif premess li l-oggetti kollha maqbudin kif risultanti mid-dokument imsemmi a fol 3 tal-atti jappartjenu, fid-dawl tal-provi risultanti sallum esklusivament lil Frances u Alfred konjugi Borg. Tordna r-rilaxx taghhom. In rigward l-ispejjes tenut, kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, b'mod specjali illi l-intimat di gja bata' bizzejjed minhabba l-agir dubbjuz u tista' tghid doluz, ta' Eric Borg bin ir-rikorrenti, il-Qorti tordna li dawn jithallsu mir-rikorrenti, kollha kemm huma.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------